



Stqarrija

L-EMCDDA JIBDA PERJODU TA' TRANŻIZZJONI TA' SENA GĦAT-THEJJJA GĦAL FUTUR ĠDID

Leġiżlazzjoni ġdida tagħti lill-Ewropa setgħat aktar b'saħħithom biex tindirizza l-problemi attwali u futuri tad-droga

(30.06.2023, LIŻBONA) Il-leġiżlazzjoni l-ġdida ppubblikata llum tagħti lill-Ewropa setgħat aktar b'saħħithom biex tittratta l-problemi attwali u futuri tad-droga. Ir-Regolament il-ġdid tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jirrevedi l-mandat taċ-**Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)**, sabiex jinżamm il-pass ma' fenomenu tad-droga li dejjem qed isir aktar kumpless u li qed jinbidel b'mod rapidu.

Ir-Regolament, li jidher f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tal-lum, ser jidħol fis-seħħ għada, u jstabbilixxi **I-EMCDDA** fuq kors ta' tranżizzjoni ta' sena biex iħejji għall-implimentazzjoni tal-mandat il-ġdid. **L-EMCDDA** ser isir **I-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (EUDA)** fit-2 ta' Lulju 2024, il-jum li fih ir-regolament jidħol fis-seħħ.

L-**EMCDDA** ġie stabbilit fl-1993 biex jimmonitorja l-fenomenu tad-droga u jarmonizza u jstandardizza d-*data*. Madankollu, f'dawn l-aħħar snin, kien hemm distakk dejjem jikber bejn il-kumplessità u l-iżviluppi tal-fenomenu tad-droga tal-lum u l-provvista tal-mandat attwali. B'mandat aktar proattiv, adattat għar-realtà attwali, **I-EUDA** l-ġdida ser tkun mgħammra aħjar biex tappoġġa lill-UE u lill-Istati Membri tagħha fl-indirizzar ta' kwistjonijiet emerġenti f'dan il-qasam. Dan ser isir fi tliet oqsma ewlenin: **il-monitoraġġ, it-thejjja u l-iżvilupp tal-kompetenzi** għal interventi aħjar.

Il-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha l-għeruw tagħha fi proposta mill-**Kummissjoni Ewropea** fit-12 ta' Jannar 2022, li appellat għal mandat aktar b'saħħtu għall-aġenzija li jagħtiha s-setgħa li twettaq il-kompiti meħtieġa biex tindirizza l-isfidi attwali u futuri relatati mad-drogi illeċiti. Il-**Parlament Ewropew** u l-**Kunsill tal-UE** adottaw l-att dan ix-xahar, skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja tal-UE.

Il-ġbir, l-analiżi u t-tixrid tad-*data* ser ikompli jkunu kompitu ewlieni tal-**EUDA**. L-aġenzija l-ġdida se:

- **tiżviluppa kapaċitajiet ta' valutazzjoni tat-theddid** fl-oqsma tas-saħħa u tas-sigurtà, biex b'hekk tiżdied it-thejjja tal-UE biex tidentifika u tirreaġixxi għal dan it-theddid ġdid;
- **toħroġ allerti**, permezz ta' sistema Ewropea ġdida ta' twissija dwar id-droga, meta sustanzi b'riskju għoli jidhru fis-suq (li tikkomplementa s-sistemi ta' twissija nazzjonali u s-Sistema ta' Twissija Bikrija tal-UE dwar sustanzi psikoattivi ġodda);
- **timmonitorja u tindirizza l-użu tal-polisustanzi**, li qed isir dejjem aktar komuni u li jista' jkollu effetti detrimentali fuq is-saħħa;
- **tistabbilixxi network ta' laboratorji forensiċi u tossikoloġiċi** biex jitrawwem l-iskambju ta' informazzjoni dwar xejriet u żviluppi ġodda u jifharrġu esperti nazzjonali dwar id-drogi forensiċi;
- **tiżviluppa u tipromwovi interventi bbażati fuq l-evidenza u l-aħjar prattiki**;
- **tipprovdi riċerka u appoġġ**, kemm dwar kwistjonijiet relatati mas-saħħa kif ukoll dwar is-swieq tad-drogi u l-provvista tad-droga;
- **tappoġġa l-evalwazzjoni indipendenti u l-iżvilupp ta' politiki bbażati fuq l-evidenza**;
- **jkollha rwol internazzjonali aktar b'saħħtu** u tappoġġa lill-UE fil-politika dwar id-drogi fil-livell multilaterali;
- **ssaħħaħ ir-rwol tal-punti fokali nazzjonali** biex tiżgura li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu *data* rilevanti relatata mad-droga lill-aġenzija.

Il-President tal-Bord ta' Tmexxija tal-EMCDDA, Franz Pietsch, qal: "Il-leġiżlazzjoni tal-lum tirrappreżenta stadju importanti fit-titjib ta' kif l-Ewropa tindirizza l-isfidi preżenti u futuri fil-qasam tad-drogi. Ninsabu fiduċjużi li, mill-2024 'il quddiem, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi, bil-missjoni l-ġdida adatta għall-iskop tagħha, ser ttiprovdi appoġġ aħjar lil dawk li jfasslu l-politika u lill-professjonisti Ewropej u tal-Istati Membri fil-qasam tad-drogi fl-indirizzar tal-kawżi u tal-konsegwenzi tal-użu tad-droga. Aħna nwasslu r-ringrazzjament sinċier tagħna lill-Kummissjoni Ewropea talli nediet il-proposta leġiżlattiva, u lill-Presidenza Franċiża, dik Ċeka u dik Żvediża tal-Kunsill tal-UE, flimkien mal-Parlament Ewropew, li lkoll ħadmu daqshekk malajr lejn l-adozzjoni tagħha".

Id-Direttur tal-EMCDDA, Alexis Goosdeel, qal: "Matul dawn l-aħħar 30 sena, rajna bidliet rivoluzzjonarji fil-firxa u n-natura tal-fenomeni tad-droga u, illum, qed naraw diversità dejjem akbar fil-provvista u fl-użu tad-droga fl-Ewropa. Bil-mandat il-ġdid, ser nappoġġaw lill-UE u lill-Istati Membri tagħha fl-indirizzar ta' din is-sitwazzjoni u ser insaħħu t-tfajjija tal-UE. Biex niksbu dan, ser niprovdu erba' kategoriji ta' servizzi: l-antiċipazzjoni ta' sfidi ġodda u futuri; l-allert dwar riskji emerġenti u theddid relatat mad-droga; il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u r-reazzjonijiet disponibbli; u l-evalwazzjoni u t-tixrid ta' għarfien ġdid u l-aħjar prattika. Aħna lesti għal din l-impriża u nistennew bil-ħerqa li narawk minn hawn u sena oħra biex inniedu l-aġenzija l-ġdida tagħna."

Noti:

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, L 166, Volum 66, 30 ta' Ġunju 2023.

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=OJ:L:2023:166:TOC>

Ir-Regolament (UE) 2023/1322 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2023 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (EUDA) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006.

[https://eur-lex.europa.eu/legal-](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.L_2023.166.01.0006.01.ENG&toc=OJ%3AL%3A2023%3A166%3ATOC)

[content/EN/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.L_2023.166.01.0006.01.ENG&toc=OJ%3AL%3A2023%3A166%3ATOC](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.L_2023.166.01.0006.01.ENG&toc=OJ%3AL%3A2023%3A166%3ATOC)